tip wieħed) tikkontrollha kompletament l-aċċessjonijiet f'aktar minn 70% tan-nies li jbatu mill-epilessija mingħajr effetti mhux mixtieqa. Kif it-tfal jikbru u l-piż ta' ġisimhom jiżdied għandu mnejn ikun hemm bżonn li tiżdied id-doża. Jekk l-aċċessjonijiet ma jiġux kkontrollati mija fil-mija, it-tabib għandu mnejn iżidlek id-doża. Fl-aħħar tat-tqala wkoll għandha mnejn tiżdied id-doża. Fuq kollox dejjem għandek tara tabib jekk jiżdiedu l-aċċessjonijiet, kemm fil-qawwa kif ukoll fil-frekwenza, ukoll jekk jiżdiedu l-effetti mhux mixtieqa.

**Għandu wieħed ikejjel il-livell ta' mediċina fid-demm?**

Tajjeb li wieħed kultant ikejjel il-levill ta' mediċina fid-demm. Dan l-aktar jiddependi minn kemm hi effettiva d-droga u x'effetti mhux mixtieq hemm. Fid-deċiżjoni tiġi kkonsidrata xi mediċina oħra li tkun qiegħed tieħu kif ukoll l-istorja medika ta' ħajtek. Uħud min-nies jassorbu l-mediċina aktar malajr minn oħrajn u għaldaqstant ikun hemm bżonn li jsir eżami tad-demm biex tinstab l-aħjar doża. Dan jista' jiġri jekk hijix baxxa wisq biex tkun effettiva jew għolja żżejjed u ser ikun hemm effetti mhux mixtieqa. Dan jiġri fil-każ ta' mediċini l-aktar stabbiliti bħal phenytoin (Epanutin) u carbazepine (Tegretol). Jekk l-aċċessjonijiet tiegħek huma kkontrollati totalment mingħajr effetti mhux mixtieqa, int ma jkollokx bżonn tkejjel il-livell ta' mediċina fid-demm. F'mediċini oħrajn bħal sodium valproate (Epilim), vigabatrin (Sabril), lamotrigine (Lamictal), gabapentin (Neurontin), topiramate (Topomax) u tiagabine (Gabitril) eżamijiet fid-demm mhux dejjem ikunu ta' għajnuna għax il-livell assoċjat ma' kontroll tajjeb u ta' effetti mhux mixtieqa ivarja ħafna bejn persuna u oħra.

**Kif nista' nevita li naqbeż id-doża?**

Diġà rajna l-importanza li wieħed ma jaqbiżx doża. Mhux faċli li kulħadd jiftakar jieħu d-doża fl-istess ħin kuljum. Tajjeb li wieħed iqabbilha ma' xi ħin partikulari, bħal wara l-ikel biex jiftakar aħjar. Tajjeb ukoll li twarrab il-pilloli tal-jum kull filgħodu, biex filgħaxija tkun tista' tikkonferma li ħadthom kollha. Tista' tixtri kaxxa żgħira apposta, jisimha *dosette*. Maqsuma f'seba' kompartamenti, wieħed għal kull jum tal-ġimgħa. Kull kompartament ikun maqsum f'erbgħa, fejn tista' tpoġġi d-doża tal-ġurnata. Hemm min juża arloġġ ta' l-idejn bl-alarm.

Hi kif inhi, qatt ma għandek tieħu parti f'ċerti attivitajiet bħal sewqan ta' karozza, tgħum waħdek jew togħdos eċċ.. għax jista' jkun perikoluż ħafna. Qatt m'għandek tieħu mediċina żejda wara aċċessjoni.
Jekk ser tagħmel xi ljieli barra mid-dar, ħu xi dożi żejda miegħek għal li jista' jinqala'. Jekk ser issiefer, ħu l-mediċina miegħek, għax mhux dejjem issib tixtriha barra minn Malta. Ikun għaqli dak li jżomm fuqu ittra mit-tabib tiegħu bi preskrizzjoni għal xi każ ta' emerġenza. Lista ta' mediċini u d-ditti tista' ġġibhom mill- Epilepsy Association of Scotland. Dejjem żomm il-mediċini fil-kaxxa oriġinali tagħhom.

**Kemm hu neċċessarju li ndum nikkura ruħi?**

Ma tista tgħid. Kull każ huwa differenti. Uħud idumu taħt il-kura ħajjithom kollha, waqt li oħrajn għal perjodu limitat. Jekk tkun ilek snin ma jkollok aċċessjoni, tajjeb li tkellem it-tabib biex tara tistax twaqqaf il-mediċina, u x'effett jista' jkun hemm fuq sewqan, impjieg, eċċ.

**Hemm xi prekawżjonijiet oħra x'nieħu?**

Ħafna alkoħol ifixkel l-effett tal-mediċina. Illimita ruħek. Żomm il-mediċina fejn ma jistgħux jilħquha t-tfal.

**Hemm xi tama għall-futur?**

Illum hawn ħafna mediċini minn qatt qabel. Qed isir studju u riċerki aktar u sirna nifhmu aktar fuq il-bażi newrokemikali ta' l-epilessija. Dan ser jikkontribwixxi aktar biex ikun hawn kontroll aħjar fuq l-aċċessjonijiet għal aktar nies.

---


**CARITAS MALTA EPILEPSY ASSOCIATION**
**5, Lion Str., Floriana, Malta.**
**Tel: 21233933; 21245358; 2590 6600; 3290 2845**

E-mails: Godcac@global. net. mt
Zenit@maltanet. net
Websites: www.caritasmalta.org/page01.htm
www.epilepsia.fi/info/linkit.htm



CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 21233933 - 21245358


# MEDIĊINI UŻATI FL-EPILESSIJA



# MEDIĊINI UŻATI FL-EPILESSIJA

Kura b'mediċini kontra l-epilessija jgħinu 'l fuq minn 70% ta' nies li jbatu biha, biex jgħixu hajja mingħajr aċċessjonijiet. F'dawn l-aħħar snin, bosta mediċini ġodda saru aktar avvanzati u milqugħa faċilment minn min għandu bżonnhom.

**Għaliex jiġu preskritti l-mediċini?**
Filwaqt li l-mediċini preżenti ma jfejqux l-epilessija, dawn jikkontrollaw u jwaqqfu l-aċċessjonijiet mingħajr effetti mhux mixtieqa. Biex tasal għal dan il-bilanċ, għandek mnejn tieħu xhur u ġieli aktar. Matul dan iż-żmien għandek mnejn tħoss sintomi li jdejquk u li forsi jġegħluk taqta' qalbek. F'ċerti każi l-kontroll ta' l-aċċessjonijiet ma jkunx komplut. L-importanti hu li tkompli t-trattament u li żżomm nota tan-numru ta' aċċessjonijiet u xi effetti mhux mixtieqa tad-drogi. Dan jgħin biex jinstab l-aħjar trattament għalik.

**Barra mill-mediċina m'hemmx trattament ieħor għall- epilessija?**
Il-mediċina hija l-qofol tat-trattament għall-epilessija. Għal uħud għandna mnejn tiġi suġġerita operazzjoni. Kultant (speċjalment fi tfal żgħar b'epilessija severa) dieta speċjali tista' tgħin.

**Liema huma l-mediċini ta' kontra l-epilessija l-aktar komuni?**
Hemm numru ta' mediċini stabbiliti li jiġu preskritti ta' spiss. Jistgħu jiġu rreferuti bl-isem tal-kimika (ġenerika) jew bit- trade mark tad-ditta li timmanufatturhom (jidhru fil-parentesi).

| Isem tal-kimika | Isem tad-Ditta |
|---|---|
| Carbamazepine | (Tegretol) |
| Clobazam | (Frisium) |
| Clonazepam | (Rivotril) |
| Ethosuximide | (Zarontin) |
| Gabapentin | (Neurontin) |
| Lamotrigine | (Lamictal) |
| Phenobarbitone | (Luminal) |
| Phenitoin | (Epanutin) |
| Primidone | (Mysoline) |
| Sodium Valproate | (Epilim) |
| Tiagabine | (Gabitril) |
| Topiramate | (Topomax) |
| Vigabatrin | (Sabril) |

*Rectal diazepam* (suppositorji) għandu mnejn jiġi preskritt biex jintervjeni f'każ ta' serje ta' aċċessjonijiet u jew f'kaz ta' 'status epilepticus' (aċċessjoni twila). Ġenituri jew *carers* jistgħu jużaw *rectal diazepam* fuq tfal għaddejjin minn konvulżjoni bid-deni.

**U mediċini ġodda?**
Għall-ewwel, meta mediċini ġodda jiġu introdotti, ikollhom liċenzja biss bħala żieda fuq it-terapija eżistenti. Jiġifieri teħodhom flimkien ma' mediċini oħra ta' kontra l-epilessija. Dan minħabba li jkunu ġodda u għad mhux magħruf x'effetti mhux mixtieq jista' jkollhom. Wieħed jistenna li jkollhom inqas effetti mhux mixtieqa minn dik il-mediċina li wieħed ikun diġà qed jieħu. Jekk dan jiġi ppruvat, tiġi mogħtija l-linċenzja biex tibda tittieħed weħidha.

**Kif taħdem il-mediċina ta' kontra l-epilessija?**
Din il-mediċina tiġi assorbita f'ġismek. Id-demm imbagħad iġorrha għal ġol-moħħ fejn twaqqaf dik l-attività elettrika abnormali li tikkaġuna l-aċċessjoni. Il-kontroll isir billi wieħed iżomm l-ammont ta' mediċini fid-demm, kostanti, bil-lejl u binhar. Dożi li ma jittiħdux jirriżultaw f'nuqqas ta' mediċini fid-demm u aktar aċċessjonijiet. Min-naħa l-oħra, doża żejda wkoll tikkaġuna aktar aċċessjonijiet. Għaldaqstant huwa importanti li l-mediċini bħal Tegretol, Retard, Epilim Chrono jittieħdu kif suppost għax dawn huma mediċini fformulati apposta li jinħallu ftit ftit matul il-ħin biex iżommu l-livell tal-mediċini fid-demm kostanti matul il-jum. Dawn għandhom vantaġġ li jittieħdu darba biss kuljum.

**Xi ngħidu fuq l-effetti mhux mixtieqa?**
Mediċini ta' kontra l-epilessija m'humiex vizzjużi, iżda bħal mediċini oħrajn kultant ikollhom effetti mhux mixtieqa. Il-parti l-kbira tan-nies jittolleraw il-mediċini sewwa, iżda tajjeb li wieħed joqgħod attent għal xi effetti u jirraportahom lit-tabib tiegħu. Dawn l-effetti jistgħu jinħassu bħal għeja, viżjoni doppja, dardir, uġigħ ta' ras, żieda fil-piż, telf ta' xagħar temporanju, raxx fil-ġilda, ħanek minfuħ, swaba' jirtogħdu u telf ta' bilanċ.
Ħafna drabi dawn l-effetti jitnaqqsu billi fuq il-parir tat-tabib d-doża ta' medikazzjoni tiġi mqassma differenti. Ħanek minfuħ jiġi evitat jekk iżżomm snienek indaf. Jekk iżżomm għajnejk fuq id-dieta, tista' tevita żieda fil-piż.
Nisa fuq mediċini kontra l-epilessija li jixtiequ jieħdu kontraċettivi orali, għandhom jieħdu parir mingħand it-tabib, għax ħafna mill-mediċini ta' l-epilessija inaqqsu mill-effetti tal-kontraċettivi. Dawn, carbamazepine (Tegretol), phenytoin (Epanutin), primidone (Mysoline), phenobarbitone u d-droga ġdida topiramate (Topamax).
Nisa fuq mediċini kontra l-epilessija li jixtiequ jkollhom tarbija, għandhom jieħdu parir ta' tabib qabel ma jsiru tqal għax hemm riskju żgħir għat-tarbija mill-mediċini li qed jieħu.
It-tabib għandu mnejn jibdillek il-mediċina qabel ma tibda t-tqala. Fuq kollox, *folic acid* għandu jittieħed min-nisa kollha li qed jippjanaw li jkollhom tarbija, għax dan għandu effett protettiv fuq it-tarbija. Mara li diġà tqila għandha tistħarreġ mat-tabib tagħha l-aħjar triq li għandha tagħżel biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm problemi għat-tarbija tagħha (tista' tieħu aktar informazzjoni fuq nisa u tqala fl-epilessija mill-fuljett 'In-Nisa u l-Epilessija'.

**Għaliex tintgħażel droga minn oħra?**
Minħabba li l-mediċini ta' kontra l-epilessija għandhom effetti differenti, uħud huma aħjar minn oħrajn għal ċerti każi. It-tabib jagħtik l-aħjar waħda għalik wara li jkun għamel id-dijanjożi tiegħu fuq it-tip ta' epilessija li għandek int. Madankollu nżidu li mhux kulħadd jirreaġixxi l-istess għall-mediċini; allura ikun hemm ukoll bżonn li wieħed jipprova jara l-benefiċċji li jieħu fil-kontroll ta' l-epilessija kontra l-iżvantaġġi ta' effetti mhux mixtieqa. Għandu jinstab l-aħjar bilanċ biex tinstab l-aħjar mediċina u l-aħjar doża. Għal dan, wieħed irid iqis it-tip ta' epilessija, l-istorja medika ta' l-individwu, it-tip ta' ħajja li wieħed ikun qed jgħix, ix-xogħol u xi mediċini oħra li wieħed ikun qed jieħu.
Il-medikazzjoni normalment tiġi forma ta' pilloli, għalkemm għat-tfal li jbatu biex jibilgħu l-pilloli, hemm forom oħra bħal pirmli li jinħallu fil-ħalq u forma ta' mistura. L-aħjar hu li wieħed iżomm dejjem l-istess forma għax id-doża bejn il-pilloli u mistura għandha mnejn ma tkunx l-istess.

**X'inhu l-aħjar ammont ta' mediċini li suppost tieħu?**
L-aħjar ammont biex wieħed jikkontrolla l-epilessija ivarja bejn bniedem u ieħor. Doża korretta ta' l-aħjar mediċina għalik (kultant din tkun taħlita ta' aktar minn